# Messaġġ

## mill-President tal-Kumitat Organizzattiv

Doreen Attard Montalto



Il-Każin Banda San Filep, kien, għadu u jibqa' minn ta' quddiem biex it-tradizzjonijiet u l-kultura f'Malta, speċjalment fir-raħal tagħna ta' Ħaż-Żebbuġ, jibqgħu dejjem jiġu mfakkra u jitkabbru.

Għal dawk l-eluf ta' viżitaturi li jiġu kull sena jżuru l-wirja tal-Ġimgħa kbira li huma l-wirja ta' Via Crucis – il-wirja taċ-Ċenaklu – u l-wirja tal-kruċifissjoni nixtieq inħabbar li l-Każin Banda San Filep din is-sena qed itella' wirja oħra fix-xelter tal-każin. Din hija wirja oriġinali tad-difna ta' Ġesù.

Dawn il-wirjiet huma kollha xogħol grandjuż ta' Chev. Alfred Camilleri Cauchi, l-artist. Il-personaġġi huma kollha *life-size*. Dawn il-wirjiet huma mtellgħin mill-kumitat organizzattiv u membri volontarji ta' dan il-każin. Nixtieq nieħu l-opportunità li bħala president ta' dan il-kumitat nirringrazzja lil kull min iddedika ħin u xogħol biex dawn il-wirjiet ikunu ta' suċċess.

Din is-sena l-wirja tiftaħ nhar il-Ġimgħa 2 ta' April. Tibqa' miftuħa sa nofsinhar tal-Ħadd 11 ta' April. Kulħadd hu mistieden.

L-Għid it-tajjeb.

**Is-SOĊJETÀ MUŻIKALI**
**KAŻIN BANDA SAN FILEP** A.D. 1851

***tixtieq l-Għid it-Tajjeb lil kulħadd.***

**Bord Editorjali:**
Philip Balzan – Editur, Mario Borg, Philip Agius,
Josef Cachia, Brian Mifsud.

**Stampa tal-Qoxra:**
Kristu Imsallab, pittura ta' Mattia Preti (1613-1699)

# Il-Kumitat Organizzattiv

| | |
|---|---|
| **President:** | Doreen Attard Montalto |
| **Viċi President:** | Rosario Magri |
| **Kaxxier:** | Josef Cachia |
| **Segretarja:** | Agnes Pirotta |
| **Membri:** | Polly Vassallo, Concetta Gatt, Tanya Micallef, Pawla Cachia, Ġuża Mifsud, Mary Mallia, Doris Ciantar, Philip Balzan, Tarcisio Mifsud, Saviour Chetcuti, Rosario Ciantar, Gerald Brincat, Joe Tabone, Brian Mifsud, Paul Schembri, Joe Tanti. |

Unisex Boutique
& Sports Wear

Sciortino Street, Żebbuġ
Tel: 2146 6244
Fax: 2146 2247



# Golgota 2000

*L-awtur, Joe A. Grima, jirrifletti dwar it-tbatija u l-inkwiet li baqgħet għaddejja minnhom l-umanita tul l-aħħar 2000 sena minkejja t-tbatija li ghadda minnha Kristu ( il-Messija mistenni, is-Salvatur) fil-passjoni u l-mewt tieghu fuq il-Golgota. Il-ħajja għall-bniedem hija Golgota ohra? L-awtur jistaqsi jekk hemmx kundanna ta' tbatija għall-umanità ( l-isperma tat-tbatija…dulluvju ta' tbatija) filwaqt li jibqa' jfittex fejn hu l-kenn ( l-Arka) u fejn hu 'Alla' innifsu.*

Is-sena l-qamar tnikker
u kompla nikket id-dinja
biex Kristu jtawwal mewtu
u l-bniedem jibqa' jistenna…

Taf ruħi
elfejn sena ilu
mxejna triq it-tbatija
– ċert, inti u jiena konna –
erwieħ mitlufa
mifnija
…għal xhiex stennejna l-Messija?

---

…tnegħid ta' ruħ imnikkta
stakkettu
lanez iniffdu ruħna
qlubna baqgħu mifnija
għalxejn l-ommijiet bkew 'l uliehom
għalxejn id-demm sa l-aħħar qatra xtered
tidwi baqgħet il-karba
"għaliex missier abbandunajtni?"

Isma' Piet
inti m'intix waħdek
ħa jidden is-serduk
u ħlifna daqskemm ħlifna
l-Imgħallem ma nafuhx…

Taf ruħi
s-sena elfejn waslet
u d-dinja baqgħet mifnija
mard
gwerer
tbatija
fuq kollox tiddomina d-dmija…

Għax is-sultan tas-slaten
bil-porpra tħammar kummidjant
u x-xettru ta' Ċesri qasba
jew kuruna x-xewk iniggeż
għaddewh passata darba
u llum bqajna nterrqu fid-dalma…

---

Mulej
ħalli nitlob talba
fil-ħemda ta' xemgħa tnemnem
fis-sikta ta' rwieħ marbuta
fejn tektik il-qalb jinstama'…

…imma għidli ftit
inti fejn inti?
inti tafna wliedek?
inti tassew isserraħ il-qlub?
inti tassew trodd l-hena?
inti…
inti min int?
għaliex nghid jien
met'ibnek tkarrab quddiemek
u l-kalċi bl-imrar xorob
inti fejn kont dak in-nhar?

---

# ALLWOODS & STEEL LTD

*Timber, Steel, & General Building Material Stockholders*

**Żebbuġ Road, Attard - Malta**
**Tel: 2141 8029**

Kultant mid-dinja naħarbu
mumenti ta' serħan ir-ruħ
infittxu ll-hena f'għarix il-għolja
jew f'nofs deżert ramel
bogħod… bogħod… minn qillet iċ-ċorma…

Min jaf
ruħi
jekk flimkien nitilgħu
f'quċċet il-Golgota
u ngħollu s-salib
li ruħna ġġorr
nitolbu flimkien
insejħu 'l Alla tagħna
…tgħid niksbuh il-mistrieħ?
…tgħid tfiġġ il-hena?
…tgħid…?

---

Taf xejn ruħi
kull wieħed u waħda minna
inġorru l-isperma tat-tbatija
u miskin
min fostna
jifhem it-tifsira

......................

U meta waqgħet id-dalma
u Pietru sieħbi tbikkem
niżel fuq id-dinja
dulluvju ieħor
did-darba ta' tbatija…

......................

Elfejn sena gerrbu
snin ta' qirda u terrur
bla l-Arka qatt ma feġġgħet
ruħ il-bniedem imkeffna fid-dulur

......................

Issa ejja ruħi nkellmek
ġib rasek fuq spallejja
Hu kellu 'l Ġwanni miegħu
u inti ibqa' ħdejja…

Il-lejla f'dawl ta' qamar
ejja nitolbu t-talba
li ħloqna t-tnejn flimkien
– fil-ħemda ta' rwieħ marbuta –
interrqu deżert il-ħajja
bit-tama tas-serħ u s-sliem…

......................

Hemm barra jdoqqu t-tnabar
jidden is-serduk
il-passi tqal tas-suldati
it-tvenvin ta' l-ajruplani
il-bombi għadhom jisplodu
il-mikrobi jnawru l-ħajja
l-għatx u l-ġuħ jifnu l-bniedem

......................

Hemm barra l-ħoss kiebi tat-tnabar

......................

hemm barra tħuf it-tbatija

......................

hawn fuq il-Golgota tagħna

......................

elfejn sena wara

......................

dak li ktibt ktibt
nghid jien illum
…imma hu qal
li kien sultan tal-Lhud?

**Joe A. Grima**
Malta – 18 ta' Marzu 2000



TRY US NOW & See how much you could be Saving...
on your motor insurance!
Instant quotations from a selection of leading Motor Insurers;
Chance of being refunded the premium paid through a monthly lottery
NO FORMS TO FILL...Motor Insurance cover, there and then;
Payment of Licence at NO EXTRA CHARGE!
FREE annual ROAD SIDE ASSISTANCE MEMBERSHIP*
*available with most Insurance Products
Aon Malta Ltd. is regulated by the MFSC
Join the hundreds of satisfied clients!
We can help you SAVE...call FREEPHONE 800 7 33 66

Paul
Testa
Travel

Triq l-Ursolini, Pietà
Tel: 2122 3299 – 2122 3340




Attrans Limited
Attrans Depot, Mdina Road, Żebbuġ ZBG 06, Malta
Tel: (+356) 2146 1259, 2146 6269, 2146 3252/3  Fax: (356) 2146 5675
Direct: (+356) 2146 3252 — Mobile: 9949 8345
International Trailer Operators

# Il-Ġimgħa Mqaddsa *f'Aġira u Enna*

Tagħrif miġbur minn Brian Bonnici

* Żmien il-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid fi Sqallija huwa ferm mistenni u importanti mhux biss fil-kalendarju liturġiku tal-knisja imma wkoll f'dak tradizzjonali u folkloristiku. L-oriġini ta' dawn it-tifkiriet u manifestazzjonijiet li jfakkruna fil-passjoni ta' Kristu jmorru lura mijiet ta' snin u fihom wieħed malajr għandu jilmaħ forom espressivi ta' riti antiki u simboli oħra li jixhdu kif manifestazzjonijiet bħal dawn baqgħu jiġġeddu matul il-medda taż-żmien aktarx influwenzati mill-ħakmiet, il-mod ta' għajxien tal-poplu u l-ġrajjiet li ħallew effett fuq dan il-kult. Kult li kiber, inxtered u għadu jidher quddiemna b'mod ħaj kull sena, grazzi għall-element komuni li ssibu kullimkien – il-parteċipazzjoni popolari u qawwija tan-nies li tieħu diversi forom sew f'dawk tradizzjonali bħall-pellegrinaġġi u purċissjonijiet, kif ukoll f'manifestazzjonijiet teatrali u forom oħra li jixdhu kuntrast enormi bejn swied il-qalb u l-luttu għall-mewt ta' Kristu li fi ftit sigħat jinbidel f'ferħ u allegrija f'jum il-qawmien tiegħU nhar Ħadd il-Għid. Fir-riċerka li qed nagħmel bħalissa u li 'l quddiem se twassal għall-pubblikazzjoni ta' ktieb dwar il-kult u tradizzjonijiet tal-Passjoni fi Sqallija indunajt u stajt nara kemm ir-ritwali ta' żmien l-Għid fi Sqallija huma simili ħafna għal dawk li nsibu f'Malta u kemm l-Isqallin jistennew u jidħlu b'tant devozzjoni u ħerqa fl-atmosfera tal-Ġimgħa Mqaddsa. Permezz ta' dan l-artiklu żgħir se nagħti ħarsa ħafif ħafna lejn żewġ manifestazzjonijiet li jsiru f'żewġ irkejjen ta' din il-gżira ġara tagħna u li b'xi mod għandhom rabta ma' Ħaż-Żebbuġ. Bla dubju l-ewwel belt li se nżuru hija Aġira, il-belt ta' San Filep li hi ġemellata magħna, filwaqt li l-oħra hija Enna li tagħha Aġira hi provinċja.

## Aġira

F'din il-provinċja ta' Enna li għandha rabta ma' Malta minħabba li hi ġemellata ma' Ħaż-Żebbuġ, il-kult tal-Passjoni jmur lura għal mijiet tas-snin, tant li d-devozzjoni lejn il-Passjoni ta' Kristu taf l-oriġini tagħha sa minn meta beda l-missjoni tiegħu fuq din l-art San Filep ta' Aġira li huwa wkoll il-

**Living Beauty**

full page

b/w film

patrun ta' Ħaż-Żebbuġ. Ir-riti tal-Ġimgħa Mqaddsa f'din il-belt antika jilħqu l-qofol tagħhom bejn Ħamis ix-Xirka u Ħadd il-Għid filgħaxija fejn issir iċ-ċerimonja magħrufa l-aktar fost l-Aġirini bħala ***ncuantru*** – il-laqgħa ferrieħa bejn x-xbiha tal-Madonna u Kristu Rxoxt.

Biss dan ma jfissirx li fil-jiem ta' qabel ma jsir xejn, altru minn hekk. Nhar Ħadd il-Palm filgħaxija ta' kull sena tittella' rappreżentazzjoni sagra u drammatika tal-passjoni ta' Kristu. Dan l-appuntament annwali ferm mistenni u magħruf, li fih jieħdu sehem mijiet ta' nies, jittella' fl-Abbazija ta' San Filep u mat-toroq ewlenin tal-belt b'mod speċjali fil-pjazza. Fost ix-xeni ppreżentati waqt din r-rappreżentazzjoni nistgħu nsemmu:

* L-Aħħar Ċena, li ssir fuq il-presbiterju ta' l-Abbazija ta' San Filep,
* L-Orazzjoni fl-Ort,
* Il-parata tas-suldati Rumani (mhux daqstant spettakolari bħalma nagħmlu f'Ħaz-Żebbug ),
* It-tradiment ta' Ġuda,
* Il-ħarba ta' l-Appostli li jinferxu u jinħbew qalb il-folla biex bħallikieku s-suldati Rumani ma jarawhomx,
* Kristu quddiem Kajfas, xena li tittella' fil-bitħa ta' l-Abbazija,
* Il-Ġudizzju u l-Kundanna ta' Pilatu li ssir fuq iz-zuntier,
* Il-Kruċifissjoni u d-Difna.

Nhar Ħamis ix-Xirka bħal f'kull knisja Kattolika ssir ukoll il-funzjoni tal-ħasil ta' riġlejn l-Appostli u l-Adorazzjonijiet u ż-żjajjar tas-sepulkri. L-aktar funzjonijiet importanti huma dawk li jsiru fl-Abbazija ta' San Filep u fil-knisja ta' San Pietru fejn issir ċerimonja partikolari. Din tikkonsisti fit-tberik tal-ħobż li jitqassam lil dawk li jmorru jagħmlu l-viżta tas-Sepulkru fil-Knisja ta' San Pietru.



L-għada, jum il-Ġimgħa l-Kbira, jinħarġu proċessjonalment fost devozzjoni kbira, ix-xbihat ta' Marija Addolorata u dik ta' Kristu mejjet, imqiegħed f'urna sabiħa (simili ħafna għal dawk li nsibu f'Malta). Din hija magħrufa fost l-Aġirini bħala ***U tammuliettu***. F'din il-purċissjoni x-xbihat devoti jiżżejnu b'numru ta' xemgħat jixegħlu u fjuri friski (armar bi tradizzjoni u simili bħalma nsibu f'Ħaż-Żebbuġ ukoll). Hawn ix-xbiha ta' l-

# Psaila Motoring School

Tel: 2146 4840 Mob: 9942 82 57

L

**OFFERTA LIMITATA:**
jingħataw 2 lezzjonijiet
b'xejn fl-aħħar tal-kors.

# Express

## Aluminium Limited

Importers and manufacturers of all type of aluminium
works, specialising in circular works with more than
13 years experience in craftsmanship and finish.

*Our range of products include:*

**Showroom Façades, Vertical Blinds, Maltese Style Balcony, Rolling & Sliding Nets, Light Weight Aluminium Chairs and Folding Tables, Roller Shutters, Work In Double-Glazing Finish & Spiral Staircases**

*Give us a ring or call personally for advice and free estimates at our showroom where we are always available to help you make the right decision.*

**"Express Building", Mdina Road, Żebbuġ ZBG 06, Malta**
**Tel: 2146 1078 / 2146 5110 • Fax: 2146 5798**



Addolorata tidher wieqfa u hija mlibbsa libsa fina tal-bellus iswed u lama, b'rakkmu ferm sabiħ u fin, fosthom tispikka arma kbira tal-Passjoni rrakkmata b'sengħa fuq d-dahar tal-Madonna. Tul din il-purċissjoni jipparteċipaw numru kbir ta' fratelli lebsin muzzetti vjola u suwed u n-nies kollha tal-belt li jġorru f'idejhom xemgħat. Ma jistax jonqos li takkumpanja l-banda bil-marċi funebri, nisa tal-wegħdi lebsin l-iswed tal-vistu li jimxu ħafjin, xi fratelli bit-tnabar f'idejhom u l-ogħla awtoritajiet ċivili, reliġjużi u militari tal-belt. Oħrajn iġorru simboli tal-Passjoni fosthom slaleb ta' l-injam. Ta' min insemmu wkoll il-kant u l-għanjiet popolari li jitkantaw waqt l-istess purċissjoni fosthom għana bid-djalett tal-post (bħall-għana tal-fatt Malti). Oħrajn ikantaw ukoll għadd ta' lamentazzjonijiet fosthom il-***popolameo.***

Fost l-Għaqdiet li jipparteċipaw b'mod devot u fl-istess ħin ta' entużjażmu ta' min isemmi l-*Associazione San Filippo*, il-Konfraternità ta' l-Isem ta' Ġesù li hija nkarigata mill-ġarr tal-Monument u l-Konfraternità tad-Duluri li kif mistenni ġġorr l-istatwa ta' Marija Addolorata. Barra minn hekk b'qima u rispett jipparteċipaw ukoll l-awtoritjiet ċivili, fosthom il-Kunsill, l-awtortitajiet militari u reliġjużi tal-pajjiż. Waqt l-istess purċissjoni tinġarr b'devozzjoni kbira r-relikwija tal-***Vero Legno*** (skalda mis-salib imqaddes) taħt baldakkin. Biswitha jakkumpanjaw ukoll n-nisa msieħba fil-Konfraternità ta' l-Addolorata bl-istandard tagħhom imleflef fil-filoxx iswed bħala sinjal ta' luttu.

Kif mistenni l-qofol tal-festi f'Aġira jintlaħqu nhar Ħadd il-Għid filgħaxija fejn issir purċissjoni u ċerimonja ferm sabiħa, brijuża u kkulurita. Għal din l-okkażjoni jinħarġu żewġ xbihat ferm artistiċi, dik ta' Kristu Rxoxt (tixbah ħafna lil taż-Żejtun bid-differenza li l-libsa hi ħamra u mżejna b'disinni tad-deheb) li hija opra barokka skulturata fl-injam. Bħalma hi tradizzjonali fi Sqallija għal din il-purċissjoni tinħareġ ukoll x-xbiha tal-Madonna li f'dan il-jum festiv titlibbes libsa ta' kulur bajdani u mantell blu li hu mżejjen b'disinni sbieħ ta' fjuri rrakkmati bid-deheb. Din hi xbiha ferm devota fost l-Aġirini, u ħafna jsejħulha bħala ***La Maria Assunta***.

Kif mistenni dan il-jum hu wieħed ta' festi u ċelebrazzjonijiet kbar li jibdew bl-ikla ta' l-Għid għand il-familji. It-toroq jiżżejnu wkoll bid-dwal għax il-purċissjoni ssir filgħaxija, fosthom b'disinni u pavaljuni tad-dawl bil-


ALCATEL
Speed up
your business
with better communications
Comsec Ltd.

kelmiet ***W Cristo Risorto***. Ma' din il-purċissjoni jinħarġu wkoll numru ta' bandalori kbar irrakkmati u mpittrin b'xeni dwar Kristu Rxoxt u simboli ta' l-Għid bħalma huwa l-ħaruf. Il-banda ma tonqosx li tkompli toħloq atmosfera ta' ferħ bil-marċi brijużi tagħha. L-aktar mument importanti f'din il-manifestazzjoni bla dubju ta' xejn hija l-laqgħa ***ncuantru*** bejn x-xbiha ta' l-Irxoxt u l-Madonna li ssir fil-pjazza ewlenija wara ġirja biż-żewġ xbihat li jitressqu minn kantunieri opposti lejn n-nofs tal-pjazza. U hawn jibda jinħaraq in-nar ta' l-ajru fosthom kaxxa infernali tal-kulur.

## Enna



F'Enna ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa għandhom għeruq sodi u antiki li jmorru lura lejn iż-żmien tal-ħakma Spanjola tas-sekli 15, 16 u 17, fihom jispikka ħafna l-mod kif għadhom organizzati u numerużi l-fratellanzi tal-lokal. Dawn ir-riti u funzjonijiet jibdew nhar Ħadd il-Palm permezz ta' purċissjonijiet żgħar mill-15 fratellanzi tal-lokal li kollha joħorġu mill-knejjes rispettivi tagħhom lebsin bil-muzzetti kuluriti li jiddistingwuhom u l-barnuż (mhux imniżżel fuq wiċċhom). Dawn jerħulha lejn il-Katidral biex jingħaqdu flimkien għaċ-ċerimonja tat-tberik tal-palm u ż-żebbuġ.

L-iktar fratellanza antika minnhom kollha hija dik tas-Salvatur li twaqqfet fl-1300. Dawn il-fratellanzi li wara jingħaqdu f'purċissjoni waħda, ikunu akkumpanjati wkoll mid-daqq tal-marċi funebri. Fuq quddiem tagħha wieħed jista' jilmaħ ukoll lil żagħżugħ liebes ta' Kristu fuq ħmara. Sadanittant bejn l-istess jum u l-Erbgħa ta' Tniebri l-fratellanzi joħorġu jduru mat-toroq tal-belt lebsin bl-ilbies tagħhom u dejjem ikunu akkumpanjati mill-baned. Dawn huma obbligati li mat-tmiem ta' l-istess purċissjoni jagħmlu siegħa adorazzjoni quddiem Ġesù sagramentat li jkun espost fuq il-maġġur tal-Katidral.

Nhar l-Erbgħa ta' Tniebri issir purċissjoni oħra bix-xbihat ta' Kristu u l-Addolorata. Hekk kif il-fratelli (ħafna minnhom mgħammdin) jaslu ħdejn il-Knisja ta' l-Addolorata tinħareġ ix-xbiha ta' ***la madonna dei sette dolori*** li tinġarr proċessjonalment fuq l-ispalel sa ħdejn il-Katidral.

Din hija xbiha ferm għażiża u devota tant li d-dehebijiet li hi miksija bihom,



*Updating and Guide your home, garden and office in*









# Digit Line

You can visit us at F. Farrugia Street, Żebbuġ ZBG 04
(Near Tal-Grazzja Pharmacy) Tel: 2146 4329
Fax: 2146 4329 Mob: 7946 4329 Mob: 7946 5650



















jixhdu kemm wegħdi u grazzji nqalgħu bl-interċessjoni ta' l-Addolorata. Fi tmiemha ż-żewġ ***simulacri*** (xbihat taħt baldakkin) – tad-Duluri u Kristu mejjet, jiżżejnu bl-isbaħ arranġamenti ta' fjuri għall-purċissjoni li jkun imiss l-għada (Ħamis ix-Xirka) u li ddum sa tard bil-lejl. Fiha dawn il-fratelli huma obbligati li jgħattu wiċċhom u jġorru għadd ta' standardi u simboli tal-passjoni. Barra minn hekk nhar Ħamis ix-Xirka huwa wkoll jum ta' devozzjoni fejn il-fratellanzi jirreċtaw t-talb tagħhom flimkien quddiem dawn ż-żewġ xbihat għeżież u s-sepulkri.

Nhar il-Ġimgħa l-Kbira għall-ħabta tal-5.00pm ***La Compagnia della Passione*** (fratellanza), toħroġ mill-knisja tagħha biex magħha jingħaqdu wkoll il-fratellanzi l-oħra li jkunu qed jistennewha ħdejn il-knejjes rispettivi tagħhom u li l-biċċa l-kbira tagħhom huma f'Via Roma. Dawn jerħulha lejn il-Katidral biex għall-ħabta tas-7.00pm, tinħareġ l-urna ta' Kristu mejjet u x-xbiha tad-Duluri u tibda purċissjoni oħra bis-sehem ta' mijiet ta' fratelli mgħammdin lebsin il-kostumi tagħhom, kif ukoll tfal li jġorru s-simboli tal-passjoni u oħrajn (bniet) lebsin ilbiesi bħas-sorijiet tal-klawsura, ta' anġli, fratelli u sorelli żgħar u wkoll bil-kostum ta' Marija Aoddolorata. Fl-aħħar ta' din il-purċissjoni, jinħareġ il-baldakkin li taħtu jinġarr r-relikwarju għażiż ta' xewka mill-kuruna ta' Kristu. Il-purċissjoni tgħaddi minn bosta toroq tal-lokal u tieqaf ukoll quddiem iċ-ċimiterju fejn tingħata l-barka b'relikwarju għażiż tax-xewka mill-kuruna tax-xewk ta' Kristu. Minn hemm imbagħad terġa' tibda triqitha lejn il-Katidral fejn tidħol tard bil-lejl jew kmieni sebħ Sibt il-Għid filgħodu. Għalhekk huma bosta dawk il-fratelli li f'idejhom iġorru t-torċi.

Il-Ħadd ta' wara, f'jum Ħadd il-Għid kif inhu xieraq, issir ukoll il-purċissjoni ta' Kristu Rxoxt li b'xi mod tnessi s-silenzju, luttu u dieqa li jaħkmu lil dawn l-inħawi ta' Sqallija fil-jiem tar-Randan. Hawn ix-xbiha ta' l-Irxoxt tingħaqad ma' dik tal-Madonna waqt ċerimonja msejħa ***Li PACI,*** f'atmosfera ferrieħa fil-pjazza tal-Katidral. Din t-tradizzjoni hija magħrufa wkoll bħala ***della Domenica in Albis***. Fit-tmiem din il-manifestazzjoni ferrieħa ż-żewġ xbihat jittieħdu lura lejn il-Katidral biex jinżammu hemm għal tmient ijem sħaħ biex il-fidili jkollhom iċ-ċans jikkontemplaw fuq il-misteru ta' l-Għid u wara dawn jittieħdu lejn il-knejjes rispettivi tagħhom.





## *Żebbuġ Video Rentals*

4, Vjal il-Ħelsien – Tel. 2146 8835

**Il-Ħanut Ideali għall-Films Oriġinali**
**u New Releases u DVD Rentals**

**• Radios • Stereos • Video Rec.**
**• T.V. • Cards**

***Nagħmlu Photocopies tal-Kulur.***

# Quddiem id-Duluri

Marija, spiċċa t-tixjir tal-palm,
W illum tinsab taħt il-għuda;

Mhux f'xi festin,
Iżda fis-sura ta' mara fit-tbatija;

Tħares 'il fuq, bejn art u sema,
Tara lil Ibnek Imsallab;

Tisma' madwarek il-kotra, bla ħniena,
L-għ…a tal-kefrija!

Omm ħanina, li fost il-ħlejjaq kollha,
Tistħoqq ġieħ u glorja;

Għax Int biss, ġejn minn Alla,
Bl-ogħla grad ta' safa mogħnija;

Urejtna x'imħabba kellek f'qalbek,
Tul dal misteru;

Ta' ħelsien u tindif,
L-umanità kollha minn kull ħtija!

Issa għaddew bosta snin,
B'dana kollu bqajt omm ta' qalb kbira;

Tgħassilna, w itħarisna b'qawwa setgħana,
Minn ġos-smewwiet;

Dan nafuh sewwa,
Lilek insejħu, o Reġina tal-Martri;

Isma' talbna,
Fid-dinja meħtieġu l-paċi, w iktar barkiet!

---

Ħaż-Żebbuġ
*20/20/2004*

**Philip Agius**


ECKE
GIFTS - STATIONERY - TOYS
The ONLY SHOP you'll ever need
MOBILE PHONES
ALL BRANDS @
BEST PRICES
GIFTS
SOFT TOYS
CARDS
HI-FI
C-D PLAYERS
PERFUMES
DIGITAL CAMERAS
PLAYSTATION
GAMES
CARDS
BOOKS
ALL KIND OF GIFTS
WATCHES
JACK DANIEL'S
PRINTER
CARTRIDGES
ORIGINAL OR
REFILL KIT

# Twanny Spiteri

## Funeral Service

**24 Hour Service**

**4, 'Shalom', Triq il-Watar,**
**Ħal-Mula, Ħaż-Żebbuġ**

**Day/Night**
**Tel: 2146 0950 • Office: 2147 2219**
**Mob: 9947 1168**

# FREDDIE'S

Għand Freddie ssibu żraben eleganti tan-nisa, żraben għal tibdila, ta' l-irġiel u tat-tfal, casuals, sport shoes minn ditti renomati, basktijiet ta' l-iskola, handbags u kartieri

***Sciortino Street, Żebbuġ***

# FOOTWEAR

***Tel: 2146 5915***


Emanuel Hire
Mobile: 99499370

# Marċi Funebri

## mill-Banda San Filep fuq erba' CD/Cassettes

| | |
|---|---|
| Mesto Ricordo | Angelo Melilli |
| Il Cipresso | Angelo Melilli |
| Venerdi Santo | Carmelo Micallef |
| Aria | Frederick Chopin |
| Aria | Ludvig Van Beethoven |
| Mater Dolorosa | George F. Handel |
| Omm Imnikkta | Imelda Tanti |
| In Memory of Rev. L.Callus | Michael Ciantar |
| A Mia Figlia | Domenico Bartolucci |
| A Miei Cari Genitori | Andrew Calleja |
| Mesto Recordo | AmadeoGannini |
| A Mio Padre | Giacchino Rossi |
| A Dilecto Padre Meo | Philip Attard |
| Riposo Eterno | Michael Ciantar |
| Cordoglio | Antonio Meruzzi |
| He is no More | Karmenu Coleiro |
| Pietà | Raymond Fenech |
| B'Tifkira tal-Bandisti Mejtin | Emanuel Bugeja |
| In the Cool Dark Grave | Philip Gatt |
| Rimpianto | Vincenzo Ciappara |
| L'Ultimo Addio | Antonio Miruzzi |
| In Memory of St. Philip's Club Members | Raymond Fenech |
| In Memory of Philip and Anne Ciantar | Brian Cassar |
| In Memory of Filippa Farrugia | John Ciantar |
| L'Ultimo Saluto | Karmenu Chircop |
| Largo (1853) | Filippo Galea |
| Alla Memoria Dei Caduti del Transvaal (1899) | Angelo Melilli |
| L'Ultima Parola di Mio Padre (1911) | Michele Gatt |
| Fonts De Larmes (1930) | Adeodato Gatt |
| September 11, 2001 | Richard Bugeja |
| Il Salice | Cardegno Botte |
| Lapide e Cipressi (1928) | Nicolò Montebello |
| Marcia Funebre | Emanuele Mattioli |
| B'Tifkira ta' Mro. Indrì Borg | Emanuel Bugeja |
| A Mia Madre Teresa | Hector Dalli |



*Iċ-ċenaklu tal-Wirja fil-Każin San Filep.*

# IT-TAQSIMIET

## tal-Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Każin Banda San Filep A.D. 1851

## Taqsima I: IĊ-ĊENAKLU

Rappreżentat b'sett ta' tlettax-il statwa kbira (*life-size*) u artistika, imdawra mal-mejda mimlija ikel imsajjar skond ir-rit Lhudi, ix-xenarju tal-kamra taċ-ċenaklu u kummentarju bil-Malti jagħmlu t-taqsima waħda ħajja.

## Taqsima II: IL-KRUĊIFISSJONI

Xogħol grandjuż, b'għaxar statwi kbar (*life-size*) li flimkien max-xenarju, mal-kummentarju u ma' l-effetti ta' dwar u ħsejjes jagħmlu l-wirja waħda realistika u impressjonanti.



*Ix-xena grandjuża tal-Kruċifissjoni fuq il-Golgota - Każin San Filep.*

# Taqsima III: ID-DIFNA

Taqsima ġdida bi statwi kbar (*life-size*) li turi 'l Kristu jinġarr lejn il-qabar. Hija ambjentata f'xelter tal-gwerra taħt l-art li ġie mżejjen biex joħloq l-ambjent tal-post tad-difna.

**Ix-xogħol tad-disinn u skultura ta' l-istatwi u tax-xenarju sar mill-artist Alfred Camilleri Cauchi mgħejjun minn membri tal-każin.**



## Ftit mill-personalitajiet li fetħu jew żaru l-Wirja fil-passat



# HORIZON 2000

## COMPUTER SYSTEMS

**Pentium III/IV & AMD Computer Systems, Computer Upgrades, Computer Software, Computer Accessories, Computer Customer Support, Programming to client's needs, Computer Academic Courses, Photocopy Service, Repair Services on all Computer Systems**

**Special Rates for Group Students or Organisations**

**Bookings open for Matsec 'O' Level Course starting for May 2002**

***Individual computer & notes given***

• Introduction for Beginners (ages 5 years & over) • Introduction for Beginners for Adults • • Office applications for the people seeking office work • Matsec 'O' Level Courses 2003 (Booking now open) • Internet Literacy • HTML Programming • Java Script • Coral Draw • Pascal for students attending courses at Secretarial Schools and University

---

**Vjal il-Ħelsien, Żebbuġ ZBG 03**
**Tel: 21 462236 • Fax: 21 462236 • E-mail: horizion2000@mail.global.net.mt**

# L-INVELL IRONMONGERY

*(Paint Centre)*

**M.A. Sapiano Str., Żebbuġ** (By-Pass ta' Ħal Muxi)
**Telephone: 2146 0500 - Mobile: 9982 9575**

**GĦAŻLA** ta' 10,000 kulur taż-żebgħa mix-*Shade Card* tal-Bartoline

**INĦALLTU** dejjem bil-kulur li tixtieq int: water paint, plastic paint, tar-ramel, roof compound u Acrylic

**NISTOKKJAW** ukoll: Sigma, Machperson, Tempra, Airflow, Berger u Hempel

**INBIEGĦU** aċċessorji tad-dawl u l-ilma, gysers, mixers, katusi, Household goods, cement, ġir u ġibs eċċ…

**NIKRU** Jiggers u Mixers

**DISCOUNT QAWWI FUQ IŻ-ŻEBGĦA**

Vanity Fare

Cosmetics, Perfumes,
Hair Accessories

41, Bishop Caruana Street, Żebbuġ, Malta • *Tel: 2146 3813*



TOP HAT



*We specialise in made-to-measure tailoring, manufacturing of shirts and all kinds of uniforms and hiring suits.*

*Visit TOP HAT where you will find Graduation Gowns, Holy Communion, Confirmation and Wedding Suits.*

*You can also find the best range of coloured suits for all the family.*

**Tel/Fax: 2148 8241**

*210, St. Edward Street, Qormi*

Żebbuġ Stationers & Newsagents
&
Sebio's Photo Studio

**Colour photocopying service available**

*Sciortino Street, Żebbuġ ZBG 03 - Malta • Tel: 2146 6076*

## Innu Popolari

# Lil Kristu Rxoxt



Għalenija lkoll f'għanjiet ferrieħa,
Żebbuġin insellmu b'kant ta' ġieħ;
F'dan il-Jum ta' l-Għid – Festa Qaddisa,
Kristu fuq il-mewt ħareġ Rebbieħ!

Mal-miġemgħa, 'l-qniepen mill-
kampnari,
B'radd ta' ħajr, idoqqu b'ilħna sbieħ;
Ix-xuftejn 'il fuq, il-Glorja jlissnu,
Kristu Sultan ta' l-ikbar ġrajjiet!

*(R) L-aħbar imxiet ma' l-art kollha,*
*Ġrew l-appostli, ġriet in-nies;*
*L-Anġlu ħabbar b'qima kbira,*
*Kristu Rxoxta mill-imwiet!*

Nersqu kotrana, u nagħtu merħba,
Lil Bin Alla, fir-rebħa tiegħu;
Nuru l-ferħ tagħna f'dil-festa kbira,
Ilkoll kburin niltaqgħu miegħu!

L-ikbar imħabba ħarġet rebbieħa,
Il-paċi nkisbet mis-smewwiet;
Kull bniedem kiseb is-saħħa fl-għaqda,
Kristu niżżel xita ta' barkiet!

*(R) L-aħbar imxiet ma' l-art kollha...*

Fil-misraħ ta' beltna, b'qima kbira,
Kristu b'ilbiesu kulur fiddien;
Bil-pjagi li għadhom jidhru f'idu,
Huma xhieda ħajja tal-qawmien!

Fuqna kompli xerred bi tbissima,
Ġid, grazzji w paċi, ma' kullimkien;
Fi qlub il-familji żomm l-imħabba,
Biex Lejk jibqa' jwarrad dan l-Imkien!

*(R) L-aħbar imxiet ma' l-art kollha...*

Ħaż-Żebbuġ 29/07/2003 **Philip Agius**

**Nhar il-Ħadd 11 ta' April 2004**
*il-Banda San Filep takkumpanja l-Purċissjoni*
*ta' l-Irxoxt li toħroġ mill-Parroċċa ta' San Filep.*

# ONYX

***Jewellers***

**232, Żabbar Road, Paola**
**Bisazza Street, Sliema**

# JADE

**Jewellers**
**Main Street, Żebbuġ**
**Tel: 2146 3833**

Gold - Silver - Diamond Rings
Silverware

***Any item for Lm1***

***Value that counts***

***Toiletries • Beauty • Stationery • Toys • Crafts • Beach Toys • Kitchenware • Glassware • Ornaments • Cane • Tools • Gardening Tools • Towels • Dog Food • Candles • Reading Glasses • Light Bulbs • Energy Savers • Clocks • Frames and much, much more.***

VALLETTA
Zachary Str.
Merchants Str.
Regency Hse.

ŻURRIEQ
Main Str.

B'KARA
Valley Road

ŻEBBUĠ
A. Sciortino Str.

SAN ĠWANN
Bernadette Str.

QORMI
St. Sebastian Str.

QAWRA
Coast Road

ŻEJTUN
Constitution Str.

ŻABBAR
St. Dominic Str.

L-IKLIN
Opp. JB Stores

ĦAMRUN
Cordina Perez Str.

FGURA
Żabbar Road

SLIEMA
Cathedral Str.

B'BUGIA
Pretty Bay

RABAT
St. Rita Str.

MOSTA
Rotunda Square

BUĠIBBA
St. Anthony Str.



JOLLY
COMPONIBILI
2

FOR KITCHENS - BEDROOMS - WALL UNITS - SETTEES
FURNISHING HOTELS & HOLIDAY APARTMENTS

Mdina Road Żebbuġ - Malta
**Tel / Fax: +356 2146 6154**

K-OPTICS
OPTICAL CENTRES

# Qualified Dispensing Opticians

## 8, Triq Sant'Antnin, Ħaż-Żebbuġ
## Tel: 2146 7651 Fax: 2146 7650

**Għal dak kollu li għandek bżonn għal għajnejk, K-Optics joffru:**
Servizz ta' 24 siegħa kważi fuq kollox li jinkludi:
Anti Reflection Coating biex il-ħġieġ ma jleqqx
Ultra Violet Coating biex jipproteġilek għajnejk
mir-raġġi tax-xemx u tal-computer monitors,
Hard Coating biex tevita l-brix mil-lentijiet tal-plastik.

**Joffru wkoll**
Contact Lenses bit-Lm12-il par u dak kollu li għandek bżonn għalihom.
L-iżjed ditti famużi tan-nuċċalijiet tax-xemx u tal-viżta bħal Sting, Police, Fila, Lozza, Fendi, Fendissime, La Perla, Etro, Celine, Furla, Givenchy.

**Speċjalista ta' l-għajnejn kull nhar ta'**
It-Tnejn filgħaxija
L-Erbgħa filgħodu
u s-Sibt filgħodu

Il-prezzijiet tan-nuċċalijiet jibdew minn Lm10 'il fuq.

**Head Office**
*Rockland* 5, Windsor Terrace, Sliema, Malta
Tel: 2131 8771 Fax: 2131 0094

98, Żabbar Road, Paola, Malta
Tel/Fax: 2180 4619

28, Republic Square, Żurrieq, Malta
Tel/Fax: 2164 1052

47, Triq Madonna tal-Bon Kunsill, Żejtun
Tel: 2182 1647 Fax: 2182 1648

Tiġrija Palazz Complex, Victoria, Għawdex
Tel: 2156 4161 Fax: 2156 4162

**e-mail: koptics@vol.net.mt**
**Website: www.maltawide.com/koptics**

# Il-Ġimgħa Mqaddsa fil-Filatelija

It-Tieni Parti

Kitba ta' Carmel Scicluna Bonnici

*F'din it-tieni parti l-kittieb li huwa kollezzjonista tal-bolli, jkompli jindikalna aktar bolol li għandhom konnessjoni mal-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu.*

## Liberja

Dan il-pajjiż Afrikan jinsab fit-Tramuntana mal-kosta tal-baħar l-Atlantiku. L-ewwel li niltaqgħu ma' bolol konnessi mal-Ġimgħa Mqaddsa huwa fl-1969 meta nħarġu żewġ settijiet ikkuluriti. Fuq il-bolla tal-15c fl-ewwel sett naraw il-pittura ta' Leonardo da Vinci, l-Aħħar Ċena. Fit-tieni sett insibu żewġ bolol minn fost tmienja, li jġibu l-Aħħar Ċena, ta' El Greco fuq dik tat-12c, u pittura tal-Weyden Kristu mejjet qed jitniżżel minn fuq is-salib f'dik tal-25c.

## Liechtenstein

Pajjiż Kattoliku li jinsab bejn l-Awstrija u l-Isvizzera, jitkellmu bil-Ġermanja u jużaw flus Svizzeri. Kulma għandhom bolol fuq dan is-suġġett tal-Passjoni huwa biss sett ta' erba' bolol bl-isem ta' Minnesingers maħruġ fl-1962, li minnu dik tar-rata 30F, turi l-Pietà, skultura ta' Kraft Von Toggenburg fl-injam, kopja ta' dik ta' Michelangelo.

## Mali

Pajjiż Islamiku fl-Afrika u li kien Kolonja Franċiża. Fl-1959 sar Federazzjoni, u fl-1960 sar Repubblika. Dan il-pajjiż jagħmel mad-Deżert Sahara man-Niger mal-kosta tal-Ivorju, mal-Gwineja, mas-Senegal u mal-Mawritania.

Fl-1974 ħareġ sett ta' żewġ bolol bit-tema ta' l-*Easter*. Dawn iż-żewġ bolol huma verament artistiċi b'rata għolja tal-munita Franċiża. Fl-ewwel bolla tal-400F, jidhru tliet imsallbin, naturalment Kristu fin-nofs, San Ġwann Evanġelista ma' Omm Ġesù taħt is-salib xogħol ta' Alsaco. Fil-bolla l-oħra bir-rata ta' 500 Franki jidher il-qabar ta' Ġesù pittura ta' Titian.

# Bolol mill-Paraguay



Sett ieħor intitolat *Easter* – l-Għid il-Kbir, inħareġ fl-1975. Fih bolol ta' valur għoli, maħsubin għall-posta bl-ajru. Il-bolla ta' 200F minn dan is-sett turi l-pellegrini ta' Emmaus, pittura ta' Veronese.

Fl-1978 ħareġ żewġ bolol għall-posta bl-ajru. L-ewwel waħda ta' rata ta' 420F turi Ras Kristu tal-pittur Durer. It-tieni bolla b'rata ta' 430F turi l-Qawmien (*The Resurrection*).

Sett ta' l-1979 ilkoll rati ta' l-ajru, juri lil Kristu qiegħed iġorr is-salib mingħand Pilatu għall-Kalvarju (xogħol ta' Durer) fuq il-bolla tal-400F. L-oħra b'rata ta' 430F turi lil Kristu fuq is-salib u l-aħħar bolla bir-rata ta' 480F, Il-Qabar ta' Kristu (Durer).

Is-sett ta l-1980, bolol b'rati bl-ajru tifkira ta' l-Għid il-Kbir, juri wiċċ Kristu waqt li qiegħed iġorr is-salib ta' (Maurice Denis). Fih ukoll bolla oħra b'riproduzzjoni stupenda ta' Durer: Ġesù Kristu quddiem Pilatu.

Fis-sett ta' l-1981, għall-posta bl-ajru, il-bolla b'rata ta' 500F turi waqgħa ta' Ġesù waqt tiela' il-Kalvarju pittura ta' Raphael. Dik bir-rata ta' 600F iġġib l-*Ecce Homo* pittura ta' Rembrandt. Tassew bolol maestużi minn pitturi kbar li kellhom verament don kbir minn Alla.

F'sett maħruġ fl-1982, insibu t-tlugħ ta' Kristu fis-sema, pittura tad-Dumnikan Fra Angelico, fuq il-bolla tas-680F, waqt li dik tal-1000F iġġib il-Pietà, xogħol ta' Giovanni Bellini.

Imbagħad fis-sett ta' l-1983, fil-bolla tas-600F ġabu dettal mill-pittura ta' Baglioni Betable, imsejħa *Id-Difna*, li turi Ġesù mejjet qed jitwassal fil-qabar. Bolol sbieħ li ma tixba' qatt tiflihom.

Fis-sett "*Air Mail Easter Set*" ta' l-1984 insibu l-aħħar bolol ta' Mali fuq dan is-suġġett. Ħaqqu prosit min ħareġ dawn il-bolol li juru riproduzzjonijiet ta' pitturi grendjużi, li tassew ipaxxu lill-kollezzjonisti. Fuq il-bolla tad-940F naraw il-Kurċifissjoni xogħol ta' Rubens u fl-oħra ta' 970F l-Irxoxt pittura ta' Marrtegna.

## Paraguay

Pajjiż Kattoliku fl-Amerika ta' Isfel, magħluq bejn il-Brażil, l-Arġentina u l-Bolivja.

Ma' dan l-artiklu qed nuru sett bolol li jfakkar id-29 Kungress Internazzjonali ta' l-Ewkaristija. Dan jikkonsisti f'sitt bolol relatati ma' l-istorja tal-Passjoni, iżda t-teknika tiegħu hija dgħajfa. Is-sett qiegħed imqassam hekk:

/.0.10 Dettal mill-Aħħar Ċena (Caravaggio);
/.0.15 Ġesù Rxoxt (El Greco);
/.0.20 Id-Duluri (Andrea Del Santo);
/.0.25 Kristu mejjet fuq is-Salib (Roger Van Der Weyden);

/.0.30 Il-magħmudija ta' Kristu fix-xmara Ġordan minn Ġwanni l-Battista (Joachim De Patinier);
/.0.50 Ġesù Kristu il-Bon Pastur – Ir-Ragħaj it-Tajjeb (Bernhard PlockHost).

Dan is-sett mhux irreġistrat uffiċjalment fil-katalgu *Simplified* ta' Stanley Gibbons. Huwa stampat mid-ditta Ingliża De La Rue, fil-fergħa tagħha fil-Columbia. Dan is-sett aktarx li hu *local*, jista' jkollu permess mingħand il-*postmaster general*, li jintuża għal ċertu żmien għall-pajjiż biss u ma jistax jintuża għal barra minn Paraguay.

Sett ieħor tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu għandu ħames bolol denominati fi guarani, il-munita tal-Paraguay kif ġejjin:

/.0.50 Ġesù mgħobbi s-salib jiltaqa' m'Ommu Marija (Murillo);
/.0.30 Ġesù hekk kif wasal fuq il-Kalvarju, qabel neżżgħuh biex isallbuh (El Greco);
/.0.20 Kruċifissjoni ta' Ġesù, jidhru wkoll id-Duluri u San Ġwann (Da Ponte);
/.0.15 Ġesù qiegħed jitniżżel mejjet minn fuq is-Salib (Rubens);
/.0.10 Ġesù Rxoxt (Raphael).

# Ir-Russja

Fl-1992 ħarġet bolla b'rata 1R, ikona tas-Salvatur, ta' Andreri Rublyov.

Fl-1994 ħarġet bolla li turi xogħol ta' pittur ieħor Russu Vasily Dmitrievich Polenov, biex tfakkar il-150 sena mit-twelid tiegħu.

Bolla b'rata ta' 500R, maħruġa fl-1995, turi t-twelid ta' Ġesù kif muri f'ikona li tinsab fil-Katidral ta' l-Assunzjoni, fil-monasterju ta' San Ċirillu qrib il-Baħar l-Abjad.

Fis-sena 2000 ir-Russja ħarġet sett ta' 4 bolol li jfakkru t-tieni millennju tal-Kristjaneżmu. Dawn il-bolol jirriproduċu pitturi reliġjużi ta' xeni mit-Testment il-Ġdid. Id-denominazzjoni huma kollha ta' 3 Rubli u juru:

a) Ġesù jqajjem mill-mewt lil bint Ġajru (V.D. Polenov)
b) Kristu fid-deżert (I.N. Kramsky)
c) Kristu fid-dar ta' Martha u oħtha Marija (G.I. Semiradsky)
d) *X'inhi verità?* Il-mistoqsija ta' Pilatu lil Kristu (N.N.Ge. (Vert))

# Surinam

Dan il-pajjiż li kien Kolonja Olandiża u ħa l-Indipendenza f'Novembru 1975, jinsab fil-Grigal ta' l-Amerika Latina (ta' isfel).

Fl-1973 ħareġ l-ewwel sett imsejjaħ "*Easter Charity*" minħabba li l-bolol li

nħarġu għal żmien l-Għid il-Kbir kien fihom prezz miżjud fuq dak tal-posta normali (*surchange*) bl-iskop li jinġabru fondi għall-karità. Is-sett jittratta l-ħajja u l-mewt ta' Ġesù Kristu u huwa mpinġi fi stil li jixbah lill-*cartoons*. Il-ħames bolol ta' dan is-sett huma denominati kif ġej (biż-żjieda tal-prezz muri separatament):

10c (+ 5c*) Ġesù rieqed fuq id-dgħajsa waqt maltempata; 15c (+ 8c*) Ġesù jaħsel riġlejn l-appostli; 20c (+ 10c*) Ġesù kkundannat għall-mewt; 25c (+ 12c*) Is-Salib; 30c (+ 15c*) Id-Dixxipli ta' Emmaus.

(* Dan hu l-ammont li jmur għall-karità.)

Fl-1974 inħareġ sett ieħor tat-tip "*Easter Charity*", li iżjda juri biss fjuri u għalhekk hu profan.

Sett ta' l-1975 jirrappreżenta espressjonijiet mit-Testment il-Ġdid, kollha marbutin ma' l-aħħar jiem ta' Kristu fuq l-art:

20c "*I do not know the man.*" – "Ma nagħrfux lil dan." (kliem Pietru waqt it-tradiment tiegħu);
30c "*He is not here; He has been raised again.*" – "M'huwiex hawn – Irxoxta." (l-Anġlu lil Marija);
35c "*Because you have seen me, you have found Faith. Happy are they who never saw me and yet have found faith.*" – "Emmint għax rajt – Imbierka dawk li jemmnu bla ma jaraw." (Kristu lil Tumas)

Sett ta' l-Għid il-Kbir ta' l-1976 juri pitturi li jinsabu fil-knisja ta' Alkmaar u li jirrappreżentaw l-opri tal-ħniena:

20c (+ 10c) Itma 'l min hu bil-ġuħ
25c (+ 15c) Żur lill-morda
30c (+ 15c) Libbes lill-għarwien
35c (+ 15c) Idfen il-mejtin
50c (+ 15c) Isqi lil min hu bil-għatx

## Belt tal-Vatikan (Ruma)

Fl-1963 insibu sett ta' erba' bolol, li huwa wieħed mis-settijiet, li jissejħu *Ommbass*. Din il-kelma tfisser il-ħruġ ta' bolol fl-istess jum u bl-istess suġġett mill-posta ta' ħafna pajjiżi madwar id-dinja. Aħna l-Maltin għandna wkoll, dan huwa l-"*Freedom from Hunger*" (1963). Ta' bilħaqq dan is-sett qiegħed tassew addattat. L-istampi tal-bolol juru lil Ġesù bilqiegħda jwettaq il-miraklu tat-tkabbir

m a r e s c o

ENJOY MITSUBISHI AIRCONDITIONERS

*The right solution*

**Visit our showroom in Żebbuġ or Telephone 2146 0286, 2146 7142**

tal-ħobż, meta minn ħames ħutiet u żewġ ħobżiet kielu eluf u nġabru 12-il qoffa bil-loqom (pittura ta' Murillo l-Ispanjol).

Fl-1964, il-Posta tal-Vatikan fakkret l-400 sena mill-mewt tal-pittur ċelebri Michelangelo li kien pitter is-saqaf tal-Kappella Sistina.

Fl-1969, inħareġ sett ta' 3 bolol bl-istess stampa ta' Kristu Rxoxt (impittra mid-Dumnikan Fra Angelico), iżda b'kuluri u rati differenti (20 Lira, 90 Lira u 180 Lira).

F'sett ieħor ta' l-1977 insibu xbihat tal-mewt u tat-tlugħ fis-sema tal-Madonna.

Fis-Sena Mqaddsa 1983, inħareġ sett ta' 4 bolol b'rati ta' 300 Lira, 359 Lira, 400 Lira u 2000 Lira li juru rispettivament: il-Kruċifissjoni, Ġesù Salvatur, il-Papa jagħmel messaġġ ta' salvazzjoni lid-dinja u l-Ispirtu s-Santu taħt il-forma ta' ħamiema dieħel mill-Bieb Imqaddes.

TELEFLORA INTERNATIONAL

The Rose Shop

**New Street, Qormi QRM 07Tel: 2148 3342 • Mob: 9945 8532, 9946 6696**

***Flower Arrangements for Weddings, Engagements, Parties, etc...***

Fresh & Artificial Flowers and Plants for hire, Invitations,
Souvenirs and Accessories for every occasion. **Free Delivery.**

**PHOTOGRAPHIC SERVICES**

*54, Triq tal-Grazzja, Ħaż-Żebbuġ ZBG 04*

**Tel: 2146 7074**



Studio Photography
Product and Sales Items Photography
Heat Seal Lamination and Canvas
Mounting, Frames and Albums

# MOUSÙ TRAVEL SERVICES LTD

**31, Spencer Hill,**
**Marsa HMR 12, Malta**
**Tel: (+356) 2123 0301**
**Fax: (+356) 2123 0301**

# Pace Fire Prevention

**SUPPLY, INSTALLATION**
**& SERVICE OF FIRE FIGHTING**
**& FIRE DETECTION EQUIPMENT**

*SALES & SERVICE CENTRE*
VALLENDAR, PINTO JUNCTION, QORMI QRM 06
TEL/FAX: 2144 4924

*OFFICE*
180, VICTORY STREET, QORMI QRM 06

**HSBC**
full page advert
(film)



Noel
Auto
Dealer
Japanese
Cars

Mdina Road, Żebbuġ
Tel: 21 461067

BSS LTD.
MDINA RD. - ZEBBUG
TEL: 21 467562



AGRICULTURE AND WINEMAKING PRODUCTS

Fertilizers
Agro-Chemicals
Garden Tools
Agricultural Machinery
Vineyard Poles & Accs.
Vines, Fruit Tree &
Olive Trees
Pots &
General Garden Products

Winemaking Machinery
Demijohns & Bottles
Bottle Cleaners
Filling Machines
All Types of Corks
Shrink Capsules
Wine Kits, Beer Kits
Wine Testing &
Tasting

# Il-Passjoni ta' Ġesù Kristu *skond it-Tabib*

Kitba ta' Alfred Grech – Toronto

*Niddedika dan ix-xogħol lill-għażiża ommi li ħallietna ftit ilu u lil ħabibti Jo-Anna Micallef-Borg li kienet Anġlu tal-faraġ fin-niket tiegħi*

"Jekk hawn xi ħadd li huwa magħruf bħala bniedem bla qalb," jgħid Dr. Barbet, "dana huwa t-tabib. Iżda għalkemm nikkumbattu ħafna biex nuru rwieħna hekk, xorta waħda tibqa' ħajja ġo qalbna l-ħniena, anzi tikber dejjem iżjed meta jgħaddu s-snin. Meta tabib jaħseb u jimmedita fuq il-Passjoni, jistudja sewwa ż-żmien u ċ-ċirkostanzi fiżjoloġiċi u jipprova jibni metodikament il-punti ta' dan il-martirju li dam sejjer lejl u ġurnata, jista' iżjed mill-aqwa predikatur u mill-aqwa qaddis jieħu parti fis-sofferenzi ta' Kristu. Ngħid għalija, jien wasalt biex ma naħsibx iżjed fiha. Jekk jaqbiżlek id-dmugħ qabel ma nispiċċa," jgħidilna Dr. Barbet, "agħmel bħali mingħajr mistħija; dak ikun ifisser li tkun fhimt."

Propjament il-passjoni tibda fit-twelid ta' Ġesù. Huwa infatti, billi kien jaf kollox, kien dejjem jaf u dejjem ried it-tbatijiet li kienu qegħdin jistennewh fl-aħħar ta' ħajtu. Nistgħu naħsbu xi jħoss dak il-bniedem li jkun jaf bl-eżatt il-martirju illi għandu jgħaddi minnu!

## L-Għaraq tad-Demm

Fil-Ġnien tal-Ġetsemani, mela, mhux il-Passjoni tibda, iżda s-sagrifiċċju. Il-ħsieb terribbli li ftit ħin ieħor se jibda sofferenzi kbar ibeżżgħuh. Il-ġlieda hija tal-biża' u San Luqa, li kien tabib, qalilna fl-Evanġelju: "U sar l-għaraq Tiegħu bħal qatriet tad-demm nieżel ma' l-art." (XXII, 44) San Luqa bħala tabib kien jaf xi tfisser tegħreq l-għaraq tad-demm u għalhekk irrakkontaha. L-għaraq tad-demm, jew *ematoidrosi*, huwa fenomenu rarissimu. Dr. Le Bec jgħid illi dan jiġri f'kundizzjonijiet partikolarissimi: ċaqlieqa fiżika, akkompanjata minn xokk morali li jiġi minħabba f'xi niket jew biża' kbir. U din hija dik illi San Luqa jsejjaħ *agonia – agonia* li bil-Grieg tfisser, *ġlieda*.

Din il-kwalità ta' niket u biża' jikkaġunaw il-ksur tal-vini finissimi li qegħdin fir-ras taħt il-pori ta' l-għaraq. Id-demm jitħallat ma' l-għaraq, jinġabru u jinżlu mal-ġisem kollu sakemm jasal fl-art. Din il-kundizzjoni tagħmel il-ġisem kollu fraġli; u nistgħu naħsbu x'għamlulu d-daqqiet tal-flaġellazzjoni aktar tard.

Wara li jaqbduh fil-Ġnien taż-Żebbuġ, Ġesù jiġi meħud quddiem Kajfa u s-Sinedriju u wara jiġi mkaxkar ġo xi kantina fejn ir-Rumani qattgħu lejl jiżżuffjettaw bih u jagħtuh bil-ponn u l-ħartiet.

Saint Philip Confectionery

*Caterers for all occasions*

**Sciortino Street Żebbuġ.**
**Tel: 2146 4418  Mobile: 9949 9132**

The Solution for your
Computer System.
• Sales
• Upgrades
• Repairs

*We Accept Student Smart Card*





We have a Wide Range & Unbeatable Prices on UPSs.
Specialising in Networks and Custom made Software,
Web design & Hosting + Internet Services

**Individual Care and Attention**

Mob: 9942 2481     Tel: 2146 1696     Fax: 2333 1191
E-mail: sandro@techzonemt.com

## Il-Flaġellazzjoni

Nafuha l-farsa ta' proċess mingħand Kajfa għal għand Pilatu u l-logħba tal-Prokuratur Ruman u Erodi. Iżda l-viltà ta' Pilatu u l-biża' li jitlef il-post, iġiegħluh jieħu d-deċiżjni drammatika u illoġika; il-flaġellazzjoni.

Is-suldati Rumani jieħdu lil Ġesù fil-bitħa tal-Pretorju, ineżżgħuh u jorbtuh mill-polzijiet ma' kolonna b'idejh fil-għoli. Strixxi tal-ġild oħxon b'żewġ biċċiet ċomb fit-tarf iservu għall-flaġellazzjoni. Id-daqqiet ġejjin minn żewġ naħat. Għall-ewwel jidhru biss tbenġiliet blu taħt il-ġilda, li issa saret tant sensibbli speċjalment wara l-emorraġiji fil-Ġnien taż-Żebbuġ; iżda wara ftit it-tbenġiliet malajr jinfetħu u biċċiet tal-ġilda jaqbdu maċ-ċomb u oħrajn jiddendlu ma' Ġisem Kristu. Il-forza tal-Priġunier Divin tonqos, għaraq kiesaħ ixoqq fuq ġbinu, rasu ddur bih, riġlejh iċedu, u li kieku ma kienx marbut kien jaqa' fl-għadira tad-demm li kien hemm madwaru.

## L-Inkurunazzjoni

It-tieni att tad-dramm beda bl-inkurunazzjoni. Ipoġġu 'l Kristu bilqiegħda fuq il-pedestall ta' kolonna u fuq spalltu jqiegħdu mantell aħmar qadim biex taparsi re, u bħala xettru jagħtuh biċċa qasba. Kull ma kien jonqsu biex ikun re hija kuruna. Fir-rokna kien hemm koċċ zkuk u ħaxix u fosthom anke xi zkuk bix-xewk iebes. Jinsġu speċi ta' qiegħ ta' kannestru u jpoġġuhulu fuq rasu.

Ix-xewk jidħol fil-qurriegħa u f'moħħu u d-demm joħroġ bħal xmara (it-tobba biss jafu kemm joħroġ demm mill-ġilda tar-ras). Ix-xagħar imħabbel u l-leħja kollha demm iċarċar, u sadattant bdew jgħadduh biż-żmien u jagħtuh bix-xettru li kellu f'idejh u bil-ħartiet. Iżda issa, qed nilmaħ daqqa kbira ta' bastun fuq ħaddejh u mnieħru u tant hi b'saħħitha li sfigurat l-imnieħer kbir Tiegħu semitiku.

## Lejn il-Kalvarju

Ineħħu bil-herra l-mantell li kien diġà weħel ma' spalltu u wara li jerġgħu jagħtuħ ħwejġu, ilestu għall-Kalvarju. Is-salib lest; jaqbdu Huwa stess fuq l-ispalla leminija u, b'saqajh ħafjin u hbula ma' qaddu, jibda t-triq kollha ġebel lejn il-quċċata ta' l-għolja. Ġesù mhux is-salib kollu kellu jġorr imma l-parti l-minduda li kienet tissejjaħ il-*patibulum*; iz-zokk il-wieqaf, l-i*stipes* kien diġà fuq il-Kalvarju.

Fortunatament, it-triq ma tantx hija twila, u Ġesù, bi tbatija kbira jitfa' sieq quddiem l-oħra u spiss jitixkel u jaqa' fuq irkobbtejh, li fi ftit ħin isirulu pjaga waħda. Dak it-travu, dejjem ibbilanċjat fuq spalltu, jagħmillu ferità fonda. Jaqa' mill-ġdid, din id-darba għal wiċċu fl-art. Mal-waqgħa, it-travu jitgerbeb għal fuq dahru mimli feriti tal-flaġellazzjoni u s-suldati jibżgħu li jmutilhom mat-triq; u għalhekk qabbdu wieħed raħħal biex jgħinu hu.

Bit-tqanżieħ jaslu fuq il-quċċata. Ġesù jintelaq fl-art u l-kruċifissjoni tibda. M'hemm xejn diffiċli; il-bojja jafha sew is-sengħa tiegħu. Ineżżgħuh il-libsa li hija kollha mwaħħla mal-feriti u d-demm jerġa' jċarċar. Turment tal-biża jiġri ma' ġismu kollu. Il-feriti jintlew bit-trab, ikaxkruh għal ħdejn l-i*stipes* (il-biċċa l-wieqfa tas-Salib) u jifthulu dirgħajh fuq il-*patibulum*. Il-bojja jaqbad musmar wiesa' 8mm,


ISSA Tista' Tirbaħ
Lm 40,000
5 minn 42 numru
SUPER 5
4
42
Hemm ukoll garantita
s-somma ta' Lm10
għal min jaqta' bi tliet numri
Tlugħ kull nhar ta' Erbgħa fis-7.15pm.
3

ipoġġih fuq il-polz, b'daqqa waħda bil-martell oħxon tiegħu, iħawlu ġo l-injama. Daqqa oħra u l-musmar ġewwa.

## Uġigħ Insapportabbli

Il-wiċċ ta' Kristu jieħu dehra tal-biża'; sebgħu l-kbir intlewa f'daqqa lejn in-naħa tal-palma ta' l-id; il-musmar miss in-nerv. Uġiegħ ta' l-għaġeb inhass ġo subgħajh, tela' jiġri ġo spalltu għaddej għal ġo rasu. Dan huwa l-iżjed uġigħ insapportabbli li wieħed jita' jħoss. In-nerv ma nqatax għal kollox imma baqa' f'kuntatt mal-musmar u fuq dan, minn hawn u ftit ieħor se jkun il-piż kollu ta' Ġismu li mill-inqas dam tliet sigħat. Id-driegħ l-ieħor jiġi miġbud u mtawwal minn dak li qiegħed jgħin lill-bojja; l-istess xogħol jirrepeti ruħu, l-istess tbatijiet jiġġeddu.

Hawnhekk tnejn min-nies jaqbdu l-*patibulum* li miegħu hemm imsammrin idejn Kristu u għolluh. Ġesù jiġi bilqiegħda u mbagħad bilwieqfa . Jorbtu ħabel minn nofs u jtellgħuh ma' l-i*stipes* li ma tantx huwa għoli. Jingastawh fil-post u l-Ġisem ta' Kristu jibqa' mdendel biss fuq dirgħajh. In-nervituri jieħdu skoss qawwi u Ġesù hawnhekk jinsab f'wieħed mill-agħar mumenti tal-Passjoni.

Malli jorbtu sewwa fuq, imorru biex isammrulu saqajh. Is-sieq tax-xellug titpoġġa ċatta fuq is-salib u b'daqqa ta' martell il-musmar bejn l-għadmiet. Dak illi kien qed jgħin, jilwi l-irkobba l-oħra u l-bojja jpoġġi s-sieq ix-xellugija quddiem il-leminija. Jiġu miżmuma minn ieħor, u bit-tieni daqqa jsammarhom it-tnejn mas-salib.

## Il-Qtugħ tan-Nifs Terribbli

Ix-xoffa ta' isfel tinsab imdendla u ħalqu nofsu miftuħ. Xejn ma ħa mill-bieraħ. Issa għandu l-għatx. Demmu spiċċa kważi kollu. Wieħed suldat iċappas sponża bil-ħall u permezz ta' qasba jagħmilhielu ma' ħalqu.

Wara ftit tal-ħin jidher fenomenu stramb. Il-muskoli ta' driegħu jinġibdu, subgħajh il-kbar jitgħawġu. L-istess ħaġa tiġri f'saqajh. Għonqu qisu jitgħawweġ, wiċċu jikrieh. In-nifs qiegħed jonqos, u mal-ftit arja li tidħol tinstema' t-tisfira ta' mnifsejh. L-arja tidħol imma ma tistax toħroġ. Wiċċu jsir aħmar u mbagħad jinbidel għal vjola. Għandu qtugħ ta' nifs, qiegħed jifga. il-pulmuni, minfuħin bl-arja, ma jistgħux jitbattlu. Ixoqq l-għaraq għalih u għajnejh jitberrqu u jaqbżu 'l barra.

Imma x'jiġri? Bil-mod il-mod, jagħfas bi sforz kbir fuq il-musmar ta' saqajh, jipprova jagħmel ftit tas-saħħa, jinġibed 'il fuq, jintrefa', u jiżvojtja l-pulmuni min-nifs u jerġa' mill-ġdid jieħu l-kulur safrani ta' qabel… Għalfejn dan l-isforz kollu? Għax irid ikellimna: "Missier, aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu."

Wara ftit, jerġa' jonqoslu n-nifs. U kull darba li jitkellem (u mill-inqas tkellem seba' darbiet), kull darba li jrid jieħu n-nifs irid iqum dritt fuq il-musmar ta' saqajh. U dan għal tliet sigħat sħaħ.

## Il-Ġlieda ta' l-Aħħar

Partita dubbien aħdar jidhru mal-Ġisem Tiegħu kollu joqorsulu l-pjagi u jerdgħulu d-demm. Wara ftit is-sema jiddallam, ix-xemx tistaħba u t-temperatura titbaxxa.

Minn hawn u ftit ieħor idoqqu t-tlieta. Ġesù dejjem jikkumbatti. It-tbatijiet kollha, l-għatx, il-qtugħ tan-nifs, il-ġbid tan-nervituri, ma jġiegħluhx jokrob karba. Kultant jikkonsla għax jaf li ħafna se jsalvaw minħabba it-tbatija li qiegħed ibati; iżda jerġa' jiddejjaq meta jara oħrajn li sejrin jintilfu. Hu x'inhu, dan il-ħin iħossu mitluq minn kulħadd. Hemm Ommu (povra Omm!) u xi ħbieb oħrajn, biss qisu li l-Missier abbandunah: "Eli, ELi, lamma sabachtani?... Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex abbandunajtni?"

Jaf li waslet is-siegħa, u jgħajjat: "Consummatum est! – Kollox huwa mitmum!" Jerġa' mill-ġdid jipprova jqum, u biex bhallikieku jurina li qiegħed imut bir-rieda Tiegħu, "Missier", jgħajjat b'vuċi waħda, "fl-idejn Tiegħek nerħi ruħi!"

U b'dak il-kliem intemmet l-akbar traġedja li qatt saret fl-istorja tad-dinja.

Paul Woodworks

Prop. PAUL SCHEMBRI

Garage No. 2 Plot 17,
N/S Off Mdina Road, Żebbuġ, Malta

Tel: 2146 6615

Pinto

*Pastizzeria & Confectionery*

**Caterers for all Functions**

Robert Mercieca
*Proprietor*

**Triq iċ-Ċawsli, Qormi**
**Tel: 2144 2887 (Dolceria), 2144 0373 (Shop) — Mob: 9944 3394**



Issettjat u stampat: Bestprint Co. Ltd., Qrendi